MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 410/2013

**GO p.l.c.**

**vs**

**Luke Tanti [ID No. 547189M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fid-9 ta' Lulju, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' sitt mija erbgha u tmenin euro u tminja u hamsin ċenteżmi ta' euro [€684.58c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' sitt mija u erbgha u tmenin ewro u tmienja u hamsin ċenteżmi (€684.58) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40145625 moghtija mis-socjeta attriċi skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 estratt mir-

Registru Elettorali, u Dok. IZY 4 – kopja ta’ ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas iżda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fis-16 ta’ Lulju, 2013, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta’ Settembru, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta’ Settembru, 2013 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ sitt mija erbgha u tmenin euro u tminja u hamsin ċenteżmi ta’ euro [€684.58c] bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------